# mas-sikta tal-ħarifa

*"Innota li l-ħarifa hija aktar staġun ta' ruħna, milli staġun tan-natura!"*

***Friedrich Nietzsche***

bil-mod il-mod
bexxaqt għajnejja,
mat-tektik u t-taħbit mat-tieqa mbexxqa ta' kamarti
stenbaħt għal jum li ma sebaħ qatt

tbissimli l-kannella jqarmeċ u sellem l-vjaġġ inutli tiegħi...
u mar jinġabar f'rokna jisfuma mal-oranġjo
u tħallat mal-aħdar niexef jitrembel fl-għafja tal-mewt,
iggranfaw id f'id taħt xemx bajda f'moħba mqanżħa
u ttantaw jiżfnu.
U siktu
ma' dil-ħarifa-ħrafa.

Għebet fgata għanjet il-grillu
marret 'il bogħod fejn sħab tqil li jrid inissel dmugħu
mbikkem b'geddumu griż
jirtogħod,
iħares ċass lejn dil-imħabba-ħrafa

anke l-għasafar m'azzardawx illum ipespsu,

tnaffru, rixhom tberfel,

għax semgħu lil hinn passi tqal ikaxkru għażż,

passi b'ħarsithom vojta

lejn kurċifiss li baqa' b'rasu baxxuta

il-kurċifiss li njora 'l ħarsti

tani dahru u dmugħi ma mesaħx.

Kollox siket.

Ħaġa waħda tissokta.

Waħda biss.

Tissokta mħabbti lejk.

Il-poeżija tagħna...għax għadna jien u int.

Jekk mal-ħarifa jiskot kollox..tamitna le.

*Medusa*